**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Charles Paul Muscat**

Kaz Numru: 159/2014

Illum 15 ta' Gunju 2016

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Charles Paul Muscat**, ta' wiehed u tletin (31) sena, iben Saviour u Frances neé Galea, imwieled ir-Rabat, Ghawdex nhar l-10 ta' Frar 1983, residenti fil-fond "Vila Gnien is-Sultan," Triq Sannat, Sannat, Ghawdex u Ankra Court, Flat 6, Triq in-Narciz, Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 4583(G), akkuzat talli nhar it-22 ta' Frar 2014 ghall-habta tal-hamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) gewwa x-Xaghra, Ghawdex u f'postjiet ohra gewwa dawn il-gzejjer:

1. Offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku (Art. 209 Kap. 9);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq diversi Ufficjali tal-Pulizija fosthom ta' PC1075 Joseph Micallef, PC138 Joseph Portelli u PC1384 Felix Sammut inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbiku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95 tal-Kap. 9);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni (Art. 338(bb) tal-Kap. 9);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu strument (sikkina) li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija (Art. 6 tal-Kap. 480);

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar it-8 ta' Frar 2011 mill-Magistrat Dr. Edwina

Grima LL.D. u kif ukoll digriet iehor mahrug nhar l-24 ta' Mejju 2013 mill-Magistrat Dr. P. Coppini LL.D. hekk kif sussegwentement jew emmendati (Art. 579(2) tal-Kap. 9);

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Il-Qorti;

Rat u semghet il-provi, inkluz ix-xhieda tal-imputat;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proceddiment u d-dokumenti esebiti;

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-kitba maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza.

**Il-Fatti:-**

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn l-akkuzi huma fil-qosor is-segwenti:-

Illi nhar it-22 ta' Frar 2014 ghal habta tal-17.00hrs waqt li PC1075 Joseph Micallef kien xoghol gie infurmat illi kien hemm vettura gewwa Marsalforn bin-numru tar-registrazzjoni KBR292 tal-ghamla *Toyota Aygo* li x-xufier kien qieghed isuq b'mod perikoluz.

Illi malli PC1075 Joseph Micallef lemah il-karozza gewwa l-parkegg ta' Marsalforn baqa' jsuq wara din il-vettura fejn irnexxielu jwaqqaf l-istess vettura fix-Xaghra Ghawdex.

Illi PC1075 J. Micallef innota lil Jethro Camilleri fuq in-naha tax-xufier tal-vettura, lil Charles Paul Muscat fuq in-naha tal-passigier fuq quddiem u fuq wara kien hemm it-tfal ta' Charles Paul Muscat.

Illi f'hin minnhom Charles Paul Muscat hareg mil-vettura u beda jargumenta ma PC1075 J. Micallef.

Illi PC1075 Joseph Micallef allega li f'hin minnhom l-imputat nezgha gherwien *'bil-parti ta' gismu barra filwaqt li beda jaqbad il-parti privata tieghu beda jghid diskors bhal taqbduli l-bajd u ghamel hekk ghal tlett darbiet'*. Kif ukoll beda jhedded lill-imsemmi pulizija bil-kliem '*j'alla t-tfal taghkom il-pulizija jaqbadhom cancer u jibdew jittaqbu bid-droga*' filwaqt li beda jsemmi wkoll lil PC138 J. Portelli u PC1384 F. Sammut.

Illi PC1075 J. Micallef ghajjat ghall-assistenza fejn aktar tard waslu fuq il-post l-Ispettur Frank Tabone, PS1061 J. Zammit u PC1070 F. Farrugia fejn mal-wasla taghhom Charles Paul Muscat baqa' jargumenta mal-pulizija, jghajjat u jghid id-diskors u cioe' j'alla it-tfal tal-pulizija jaqbadhom cancer u li l-pulizija kienu mqabbdin mieghu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti minnufih taghmel referenza ghall-kummenti barra minn lokhom li ghamel l-avukat difensur tal-imputat fin-nota ta' sottomissjoni meta ddikjara:

"*Ta' min izid illi dan l-ahhar, minn meta l-esponent irnexxielu jipprova fil-kawza kostituzzjonali li dakinhar tar-road block il-karozza kienet misjuqa minn Sonia Vella u li t-tliet pulizija tal-Mobile Squad kienu tassew sawwtuh u ttorturawh, l-atteggjament ta' l-ufficjal prosekutur lejh inbidel u ttaffa, u n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur ukoll turi dina c-'change of heart'. Naturalment, issa tard wisq biex l-ufficjal prosekutur iregga' kollox lura minhabba li jista' jitlef il-kredibilita` tieghu f'ghajnejn il-Qorti u f'ghajnejn il-Pulizija ta' Ghawdex, izda l-attitudni tieghu ittaffiet kif muri fin-Nota tieghu.*"

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-atteggjament ostili lejn l-ufficcjal prosekutur li fil-fehma tal-Qorti kellu nota ta' sottomissjonijiet valida hafna li ghenet biex il-Qorti tanalizza l-provi li tressqu mill-partijiet biex tkun tista' tiddeciedi dwar l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti tikkundanna l-kliem zejjed li ntuza fl-istess nota fejn kien allegat li "*l-akkuzi gew iffabbrikati*" , "*inhargu l-akkuzi foloz*", "*Joholqu dubju serju dwar montatura*", "*ghamel affidavit b'hafna gideb*" u "*Dawn l-akkuzi nhargu b'vendikazzjoni u b'abbuz ta' poter.*"

Lanqas hu gust li jsiru asserzjonijiet li ma jirrizultawx mill-provi f'dan il-kaz u li huma mertu ta' kawzi ohra bhal: "*ppruvat fil-kawza kostituzzjonali li fir-roadblock ma kienx qed isuq Charles Paul Muscat izda Sonia Vella, u li t-tliet membri tal-Mobile Squad kienu jidbu (sic!) fuqu u kienu zvijaw il-kors tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja*" u "*ga` ghadda minn hafna tbatija biex ma jikxifx lil Sonia Vella, u ga` sofra s-swat mit-tliet membri tal-Mobile Unit. Ma' dawn is-sofferenzi kollha, l-esponent irid jghid ukoll illi omm uliedu qieghda*

*tipprova twaqqaflu l-access, u dawn l-akkuzi qeghdin jintuzaw bhala pretest biex l-ghan taghha li twaqqaflu l-visti jirnexxi. Jekk jigri hekk, hajtu ssir iktar difficli milli ga` hi.*"

Il-Qorti hawn tfakkar x'qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2015 fil-kawza Ir-**Repubblika ta' Malta vs. Sergii Nyktiuk** (Att ta' akkuza nru. 19/2011 – moghtija mill-S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri Onor. Imħallef David Scicluna Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon, meta rrimarkat dwar l-atteggjament tal-Prosekutur ta' dak il-kaz li "*kienet miexja b'mod azzardat għall-aħħar fuq ix-xifer tal-korrettezza legali u etika ...*". Dak li ntqal f'dak il-kaz, din il-Qorti tindirizzah lejn l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghal darb'ohra ttenni li l-pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd ma huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficcjal tal-pulizija jew li b'xi mod iweggghu.

Ordni tal-pulizija ghandha tkun obduta mill-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull ufficjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni kif gara f'dan il-kaz.

Kif gie osservat mil-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-**Pulizija vs. Matthew Peter O' Toole**" [2.3.06]

"*Il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kultant f'sitwazzjonijiet difficli u delikati - b'leggerezza, qisu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.*"

Fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. George Grech**" [23.6.05] il-Qorti qalet:

"*Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li diga' qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqisu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jagixxu fiz-zamma tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b'riskju kbir ghall-inkolumita' taghhom personali w li ghalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi*"

Imbaghad fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. Anthony Roderick Farrugia**" [26.4.2007] il-Qorti qalet ukoll :

"*Kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom iddmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b'leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b'*

*pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f'dan il-kaz."*

Il-Qorti tinnota li fis-socjeta' taghna qieghed ikun hemm aktar okkazzjonijiet fejn persuni mhux jobdu ordnijiet legittimi tal-pulizija u wisq aktar jattakkawhom fizikament u mhux l-ewwel darba li jkun hemm min isofri griehi anke gravi.

Il-Qorti ma tridx li membri tal-korp tal-pulizija jiddemoralizzaw ruhhom minn dan ghaliex mhux dejjem isibu l-appogg mixtieq ghall-hidma taghhom, jekk ma jispiccawx ukoll huma stess mghoddija process popolari ghax iwettqu d- dmirijiet taghhom.

Il-Qorti se tibqa' bil-prattika taghha li turi *zero tolerance* ghal min jitkessah u ma jurix rispett lejn min qieghed jipprotegi lis-socjeta' mill-hazen. Wiehed ghandu jqis ghemilu sewwa ghaliex imbaghad ikun inutli li jigi quddiem il-Qorti u jgib skuza jew ohra biex jiggustifika l-ghemil tieghu.

Min mill-Korp tal-Pulizija jabbuza u ma jimxix mal-gurament li ha meta nghata l-hatra jezistu l-istrutturi necessarji fejn wiehed jista' jilmenta u jekk jirrizulta li kien hemm abbuz jittiehdu passi kemm dixxiplinarji u anke kriminali fil-konfront ta' dawk li jabbuzaw mill-pozizzjoni taghhom.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz u tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante**

**li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet 'Il-**Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**Versjonijiet differenti**

Il-Qorti setghet tinnota l-versjonijiet differenti li taw l-imputat u siehbu Jethro Camilleri u x-xhud PC1075 Joseph Micallef .

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet:

*'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'.*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

**Artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta - offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku.**

Ir-reat taht l-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel referenza ghall-agir fejn persuna toffendi l-pudur u l-morali b'ghemil li jsir fil-pubbliku.

Il-Prof. Anthony Mamo jghallem hekk fuq dan ir-reat:

> *"A place can be public either in a permanent manner, as a street or square, or at certain times, as a theatre or a church. If the act is done in a place of the former category, it shall be deemed to have been committed in public whatever the time of the day or night it is done; if on the other hand, the act is done in a place of the second category, it will be considered as constituting this offence only if it is committed at a time when the place is open or accessible to the public. But precisely because the law punishes these acts even if committed in a place "merely exposed to the public", it will be sufficient if the acts are done in a private place, but in such a manner that they were visible or could have been seen by the public: "In luogo esposto al pubblico, e cioe in condizioni tali da lasciar scorgere a chiunque non per singolare e fortuita eventualita, ma nell'ordinari dei casi, quanto vi si compie." (op. cit. Para 1495). It is not necessary, however, that any person should have actually viewed the act or that there has been actual scandal. (Confer Carrara, Programma Parte Speciale, Vol. VI, para 2941, 2950). If the place is public, then 'ratione legis' the possibility of scandal is presumed."*[1]

[1] Ara *Notes on Criminal Law* pag. 211-212

Kwantu ghar-reat konsistenti f'att leziv tal-pudur jew tal-morali maghmul f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku (Art. 209), il-fatti jridu jigu ezaminati anke fid-dawl tar-reat (kontravvenzjoni) kompriz u involut fl-imsemmi Artikolu 209, cioe` l-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali – "*Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min...b'xi mod iehor mhux provdut f'dan il-Kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika...*".

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-**Pulizija vs. Michael Borg**[2] deciz fl-10 ta' Settembru 2007 intqal:

> *"Din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha l-opportunita` li tezamina d-differenza bejn id-delitt kontemplat fl-Artikolu 209 u l-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(bb) fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Raymond Caruana. F'dik is-sentenza gie osservat li l-ligi taghna, fl-Artikolu 209, evitat l-ispecifikazzjoni ta' attijiet ta' libidini jew impudici jew oxxeni, u kkuntentat bil-lokuzzjoni ta' att li "joffendi l-pudur jew il-morali". Ghalhekk huwa bizzejjed ghall-finijiet ta' dan ir-reat li l-att ikun tali li joffendi s-sens ta' decenza fi grad tali li wiehed jista' jghid li jnissel, jew jista' jnissel, "un senso di disagio, disgusto o ripulsione." L-element intenzjonali hu sodisfatt jekk l-att offensiv tad-decenza fil-grad imsemmi jkun volontarju, bla ma hu mehtieg id-dolo specifiku, cioe` l-intenzjoni specifika li wiehed joffendi. Id-differenza, imbaghad, bejn id-delitt taht l-Artikolu 209 u l-kontravvenzjoni taht l-Artikolu 338(bb) hija wahda ta' grad, b'wiehed*

[2] Appell Kriminali Nru. 29/07 STO Prim Imhallef Vincent Degaetano

*mill-kriterji ta' distinzjoni li gew suggeriti jkun dak ta' jekk l-att fih innifsu jkunx wiehed li intrinsikament joffendi d-decenza u jkun maghmul deliberatament sabiex min jaghmlu jaghti sfog ghall-volji laxxivi tieghu jew ta' haddiehor, jew jekk ikunx l-effett ta' zbadatezza jew ta' non-kuranza jew ta' nuqqas ta' rigward[3]. Pero` taht iz-zewg disposizzjonijiet irid ikollok ghall-anqas, u bhala minimu, offiza ghad-decenza pubblika. Id-decenza pubblika giet definita bhala "quel minimo di convenienza e di decoro che deve presiedere nei rapporti fra i consociati, secondo il grado di civilta` di un popolo in un determinato momento storico."*

Il-Qorti tinnota li dak kommess mill-imputat ma huwiex tali li jwassal ghall-estremi tar-reat ikkontemplat fl-ewwel (1) imputazzjoni u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imsemmija imputazzjoni u ser jigi liberat minnha, izda se jinstab hati tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali (tielet (3) imputazzjoni).

**<u>It-Tieni imputazzjoni</u>**

**Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; - ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

[3] Ara f'dan is-sens ukoll, Il-**Pulizija v. Kevin Pepe** App. Krim. 11/7/1995.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e'; indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualità ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse o no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualità ufficiale dell'oltraggiato."*

Il-Qorti tinnota li dak kommess mill-imputat ma huwiex tali li jwassal ghall-estremi tar-reat ikkontemplat fit-tieni (2) imputazzjoni u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imsemmija imputazzjoni u ser jigi liberat minnha.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

**[Art. 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta - kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni]**

Mill-provi processwali u senjatament mix-xhieda, u anke in vista tal-analizi li l-Qorti ghamlet aktar 'il fuq marbuta mat-tieni imputazzjoni, din l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**

**L-Art. 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta; - pussess ta' strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija**

Dan l-artikolu jipprovdi li:

> *" Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-kawza Ir-**Repubblika ta' Malta vs Allan Galea** deciza nhar is-26 ta' Gunju 2014 stqarret:

> *"Hemm qbil li l-arma tad-delitt f'dan il-kaz kienet sikkina tal-kcina. L-Avukat Generali jippretendi illi fil-kaz odjern dik is-sikkina "ħadet ix-xejra ta' arma regolari peress illi għal dak il-ħin inkluz il-ħin li kienet qed tingarr, kellha bħala skop principali d-difiza ta' wieħed innifsu jew l-offiza ta' ħaddieħor." Din il-Qorti ma tikkondividix dan il-ħsieb tal-Avukat Generali peress illi l-ligi tikkunsidra bħala arma regolari dawk*

*l-armi li fin-natura tagħhom stess huma ntizi għad-difiza ta' wieħed innifsu jew l-offiza ta' ħaddieħor. Sikkina li l-iskop principali tagħha huwa, bħalma qalet l-ewwel Qorti, "li tqatta' l-laħam, il-basal u l-patata", ma ssirx "arma regolari" għax tintuza biex jigi kommess delitt, izda titqies bħala "arma irregolari".*

F'dan il-kaz ma giex pruvat li s-sikkina *de quo* hija arma regolari skont il-Ligi. L-imputat spjega li s-sikkina kienet hemm ghaliex ittiehded biex jitqaxxar it-tuffieh li kielu t-tfal. Is-sikkina fl-ebda hin ma ntuzat fil-kaz izda nstabet mill-pulizija fil-vettura. Għalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Il-hames imputazzjoni</u>**

**Art 579(2) - ksur ta' ordni tal-Qorti**

Il-Prosekuzzjoni sostniet: *"l-prosekuzzjoni ezebit vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mil-arrest datati 8 ta' Frar 2011 u fejn l-istess proskuzzjoni giet ezentata mid-difiza sabiex tressaq lil ufficjal prosekutur s-Supretendent Dennis Thuema bhala xhud tal-identita'. Illi fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-helsien mil-arrest tal-24 ta' Mejju 2013 bi zvista gie ezebit biss il-verbal tal-prezentata minghajr ma gew ezebiti l-vera kopja tal-kundizzjonijiet u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghadha tiehu in konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet tat-8 ta' Frar 2011 biss."*

Id-difiza rribattiet: *"L-ufficjal prosekutur qed jghid huwa stess li "bi zvista gie ezebit biss il-verbal tal-prezentata minghajr ma gew ezebiti il-vera kopja tal-kundizzjonijiet". Il-fatt li l-prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq bhala xhud*

*lill-Ispettur Dennis Theuma bhala xhud tal-identita` ma tistax taghmel tajjeb ghall-prova mankanti tal-kundizzjonijiet tal-bail li l-prosekuzzjoni qieghda takkuzah li kiser. Fil-kawza prezenti, galadarba ma gewx esibiti in atti l-kundizzjonijiet tal-bail, zgur li l-gudikant ma jistax jasal biex jara jekk kienx hemm xi kundizzjoni jew kundizzjonijiet tal-bail li gew miksura. Barra minn hekk, ix-xewqa espressa mill-prosekuzzjoni li "din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet tat-8 ta' Frar 2011 biss" mhix kompatibbli mal-principju legali "Quod non est in actis non est in mundo". Il-konkluzjoni dwar ksur ta' xi kundizzjoni trid tirrizulta mill-atti u mhux minn xi assunzjoni jew finzjoni jew presunzjoni. Ghalhekk, jekk il-prova ma tinsabx fil-process, l-imputazzjoni ma treggix u ma tistax tinstab htija."*

Il-Qorti tinnota wkoll dak dikjarat mill-ufficcjal Prosekutur li "*Lanqas hi tal-fehma illi jekk wiehed ittellef il-flus li hemm depozitati u dawk il-flus bhala garanzija fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ha jiswa ta' detterent ghal imputat sabiex ma jergax jikser il-ligi.*"

Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-atti processwali u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Piena ghal kontravvenzjonijiet**

Il-Qorti rat x'jipprovdi l-Kodici Kriminali (Kap. 9) dwar pieni marbuta meta tinstab htija ta' kontravenzjonijiet b'mod partikolari dak li jipprovdu Artikolu 7(2) u 13(1):

Artikolu 7(2) jipprovdi:

*il-pieni li jistgħu jigu mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma -*
*(a) id-detenzjoni;*
*(b) l-ammenda;*
*(c) ic-canfira jew it-twiddiba.*

Artikolu 13. (1) jipprovdi:

*Fejn il-ligi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-ammenda huwa tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin centeżmu (58.23) u l-minimum sitt euro u disgħa u disgħin centezmu (6.99).*

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li stqarr l-Ufficjal Prosekutur li anke jekk tinstab htija m'ghandhiex tinghata piena ta' prigunerija u lanqas detenzjoni.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti ghandha tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' ammenda fil-massimu taghha u twiddbu severament biex ma jirrepetix l-agir tieghu.
Il-Qorti wara li ddecidiet dan il-kaz fuq dak li tipprovdi l-ligi nostrana, thoss li ghandha twassal dak li ghallem Papa Frangisku dwar il-hniena u l-gustizzja waqt l-Udjenza Generali nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2016:

"*Kif nirrikonċiljaw ir-realtà tal-ħniena ma' l-esiġenzi tal-ġustizzja? Jafu jidhru bħala żewġ realtajiet li jikkuntradixxu lil xulxin; fir-realtà m'huwiex hekk. Imma x'ġustizzja hi din?*

*Jekk naħsbu fl-amministrazzjoni legali tal-ġustizzja, naraw li min iħoss li hu vittma ta' xi abbuż imur għand l-imħallef f'qorti u jitlob li ssir ġustizzja miegħu. Qed nitkellmu fuq ġustizzja retributtiva, li tgħabbi lill-ħati b'piena, skond il-prinċipju li kulħadd għandu jieħu dak li ħaqqu.*

*Imma din it-triq għadha ma twassalx għall-ġustizzja vera għax fir-realtà ma tegħlibx il-ħażin, imma sempliċement tillimitah. Min-naħa l-oħra, huwa biss jekk inwieġbu għalih bit-tajjeb li l-ħażin nistgħu tassew nirbħuh.*

*B'dan il-mod, meta sa fl-aħħar jindem u jagħraf il-ħtija tiegħu, hu jista' jinfetaħ għall-maħfra li qed toffrilu dik il-parti li sarilha t-tort. U din hi ħaġa sabiħa: la darba tipperswadi ruħha li ħaġa hi ħażina, il-qalb tinfetaħ għall-maħfra li tiġi offruta lilha.*

*Hekk biss il-ġustizzja tista' tittrijonfa, għax, jekk il-ħati jagħraf il-ħażen li jkun għamel u jieqaf jagħmlu, araw kif il-ħażen m'għadux hemm iżjed, u dak li kien inġust isir ġust, għax ġie maħfur u megħjun jerġa' jsib it-triq tat-tajjeb. U hawn sewwa sew tidħol fil-biċċa l-maħfra, il-ħniena."*

**Decide:**

Li wara li rat l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll

l-Artikoli 209, 95, 338(bb), 579(2) u 412C tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat Charles Paul Muscat mhux ħati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba' u tal-hames imputazzjoni stante li dawn ma gewx soddisfacentement ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena; filwaqt li ssibu ħati tat-tielet imputazzjoni u tikkundannah għal ammenda ta' tmienja u hamsin euro (€58).

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**